**GĦALL-AGĦAR MHUX GĦALL-AĦJAR**

Ġabra fil-Qosor tad-Dokument

**For Worse not For Better**

Id-dħul tal-leġislazzjoni favur id-divorzju f'pajjizi oħra ma solviet l-ebda problema li kienet qed tistenna li ssolvi (bħall-koabitazzjoni, twelid barra ż-żwieg u t-tkissir taż-żwieg). Pajjiżna m'għandux il-bżonn li jipprova soluzzjonijiet li fallew f'pajjiżi oħra. Li għandna bżonn huwa li nitgħallmu mill-esperjenzi koroh ta' ħaddieħor u inmiddu għonqna għall-proposti differenti bħal:

- It-Twaqqif ta' Kumitat Interministerjali biex jippjana u jwettaq strateġija globali favur iż-żwieg u l-familja;
- Li fil-livelli kollha tal-edukazzjoni tidħol bhala parti mill-*curriculum* edukazzjoni għaż-żwieg u l-familja;
- Kummissjoni Nazzjonali Familja msaħħa biex tipproponi u tgħarbel liġijiet, deċiżjonijiet amministrattivi, *curricula*, u produzzjonijiet fil-media li jġibu 'l quddiem il-familja mibnija fuq iż-żwieġ u
- Politika dwar id-djar li tiffavorixxi l-familja speċjalment dawk il-koppji bi dħul baxx li jixtiequ jiżżewġu.

*The Today Public Policy Institute* (TPPI) fil-15 ta' Mejju li għadda ppubblika Rapport (*For Worse, For Better*) fejn ippropona lill-Gvern biex idaħħal il-leġislazzjoni tad-divorzju. Ir-Rapport jippreżenta d-divorzju bħala soluzjoni għal numru ta' problemi soċjali li għandna fis-soċjetà.

Din il-kritika għar-Rapport tippreżenta numru ta' studji u riċerki dokumentati li jippruvaw jew li r-realta mhix ħażina daqs kemm qed jgħid it-TPPI; jew li d-divorzju ma joffri l-ebda soluzzjoni; jew aktar minn hekk, f'xi każi, id-divorzju ġab is-sitwazzjoni agħar.

1. Ir-Rapport għandu awtur prinċipali u mbagħad jagħti lista tal-membri tal-Bord, imma imkien ma jgħid jekk dawn il-membri jaqblux mar-Rapport jew safejn jaqblu.

2. Il-qarrejja ma jsibux ir-referezi meħtieġa li jappoġġjaw dak li jgħid ir-Rapport.

3. Hemm numru ta' żballji fejn jidħlu statistiċi: in-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' nullita mit-Tribunal Ekkleżjastiku (460 flok 181); in-numru ta' koppji li sseparaw bejn 2006 u 2008 (3,500 meta l-individwi kollha li f'dak iż-żmien kienu separati kien 13,354; l-individwi jitqiesu bħala koppji; il-persentaġġ taż-żjieda tat-tkissir taż-żwieg ikkalkulat bla ma jagħti każ li l-popolazzjoni u n-numru ta' nies miżżewġa żdied matul għaxar snin u ma jagħtix

każ li numru sewwa ta' dawk li kellhom dikjarazzjoni ta' nullita huma ġa magħduda man-numru ta' separati. Ir-Rapport ifixkel ma xulxin separazzjoni, dikjarazzjoni ta' nullità u divorzju u għalhekk jasal għal konklużjonijiet żbaljati. L-awtur jgħid li ħafna minn dawk li jisseparaw, jikkoabitaw u jkollhom it-tfal meta fil-fatt madwar 18.7 fil-mija minnhom jikkoabitaw. Żball ieħor serju huwa li r-Rapport jgħid li l-ulied ta' koppji li jikkoabitaw m'għandhom l-ebda leġġittimità.

4. Għalkemm l-awtur jinsisti li huwa bilanċjat, huwa ċar li r-Rapport huwa żbilanċjat ħafna. Fih 20 paġna favur id-divorzju u żewg paġni dwar il-valur pożittiv taż-żwieġ. Jgħid li r-relazzjonijiet ġodda ta' wara li jitkisser iż-żwieġ huma kuntenti, meta fil-fatt koppji miżżewġin huma aktar kuntenti minn koppji li jikkoabitaw; barra li ma jgħid xejn dwar il-kuntentizza tal-ħajja miżżewġa. Bl-istess mod ma nsemmi xejn dwar l-ulied li jgħixu ma' ġenitur li qed jikkoabita, jekk humiex kuntenti jew le.

5. Ir-Rapport jasal għal konklużjoni oħra li ma jsostnihiex bir-riċerka, li l-leġislazzjoni li ddaħħal id-divorzju ma żżidx it-tkissir taż-żwieġ. Dan minkejja li fl-istudji għaddejja diskussjoni importanti. Numru ta' studji juru li dan hu bil-maqlub u xi wħud jaslu wkoll biex jgħidu li l-leġislazzjoni tad-divorzju hija kawża ta' aktar tkissir fiż-żwieg. Studju li ġie ppubblikat dan l-aħħar (jissemma fil-Bibljografija tar-Rapport) li sar fi 18-il pajjiż tal-Ewropa jasal biex jgħid li l-leġislazzjoni tad-divorzju tikkawza 20 fil-mija żjieda fit-tkissir taż-żwiġijiet.

6. Ir-Rapport isemmi argument komuni ħafna fost dawk li huma favur id-divorzju: li huma favur iż-żwieġ u jridu d-divorzju proprju għax iridu jerġgħu jiżżewġu. Fih innifsu dan l-argument iġorr kontradizzjoni. Dawn huma favur żwieġ li jridu jidħlu fih, u fl-istess ħin, ma jagħtux każ iż-żwieġ li huma fih. Barra minn hekk, it-tieni u t-tielet żwieġ ifallu aktar mill-ewwel żwieġ.

7. Argument ieħor li spiss jintuża minn dawk favur id-divorzju huwa li bħala riżultat tad-divorzju, is-soċjeta tkun aktar stabbli għaliex jonqsu l-koabitazzjoni u t-twelid barra ż-żwieġ. Għalkemm dan jinstema' loġiku, il-fatti juru mod ieħor. Kull fejn daħal id-divorzju, ir-rata taż-żwieġ naqset waqt li l-koabitazzjoni żdiedet.

8. Il-ġenituri, minbarra li għandhom responsabbiltà lejn xulxin, għandhom ukoll responsabbiltà lejn l-ulied li ġabu fid-dinja. Ir-Rapport jiddiskuti l-ħsara li tiġri lill-ulied matul iż-żmien li ż-żwieġ ikun qed jitkisser, imma ma jgħid xejn dwar l-effetti ħżiena li d-divorzju u relazzjoni oħra jġibu fuq l-ulied. Dwar dan, ir-Rapport jgħid biss li jeżistu opinjonijiet f'konflitt. Studji juru li l-ulied li jgħaddu mill-esperjenza tad-divorzju ta' wliedhom huma inklinati li jkollhom aktar problemi fl-oqsma tal-iskola, ix-xogħol u stima baxxa tagħhom infushom.

Jidher li r-Rapport tat-TPPI jipproponi lill-Gvern biex idaħħal leġislazzjoni favur id-divorzju minħabba numru ta' sitwazzjonijiet soċjali negattivi li hawn fis-Soċjetà. Studji wrew b'mod ċar li bid-divorzju, l-ebda waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet ma tfejqu, lanqas kellhom l-effetti tagħhom imnaqqsa. Għalhekk, jekk tidħol il-liġi tad-divorzju f'Malta, is-sitwazzjoni mhux agħar tkun flok aħjar?